Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2457/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom P. Cutajar & Co. Ltd u l-istess P. Cutajar & Co. Ltd f'isimha propju**

**Vs**

**Alfred Montebello**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) bhala danni kawzati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma komplessiva ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura FUZ 222 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur

nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' P. Cutajar & Co. Ltd. u dan b'rizsultat ta' habta li grat fl-14 ta' Gunju 2003, gor-Rabat, waqt li int kont qed issuq il-vettura EAV 891 hbatt mal-vettura FUZ 222 ta' P. Cutajar & Co. Ltd. u misjuqa minn Sarah Zammit Cutajar, u ghal liema incident int kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Ottubru 2003 u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2003, u bl-imghax tat-8% fuq Lm500 mid-9 ta' Ottubru 2003, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-lum rikjesta mill-ligi kontra Citadel Insurance plc assiguraturi tal-konvenut, u inkluz LM15 konsult, kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u qed jigu kontestati;

Illi l-eccipjenti ma jahtix ghall-incident premess u ma ghandux responsabilta ghad-danni.

Illi d-danni reklamati huma esagerati.

Ghal kull boun fini l-eccipjent qieghed bil-presenti, jirriserva bil-konfront tal-atturi kull dritt lilu spettanti ghad-danni naxxenti mill-incident de quo.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jezizti konflitt grossolan taz-zewg versjonijiet tal-okkorenza tal-incident, xufier u passigier fuq kull naha. Li hemm qbil zgur hija dwar il-manuvra tal-vettura li saret fil-mument liema pero? Ix-xiehda tal-attrici jghidu li ezattament qabel il-habta u allura parti minnha. Il-konvenut u l-passiggier tieghu pero' jallegaw li gia kienet kontemplata u gia fil-karreggjata tieghu.

Illi huwa impellenti li jigu accentwati ic-cirkostanzi tal-kollizzjoni. L-incident sehh kmieni fil-ghodu wara nottata

f’diskoteka, fejn it-triq tal-hrug u d-dhul tispjana ruhha ghal pogrom ta’ affluwenza li ma kienu intizi ghal dik il-moltitudini ta' vetturi. Vetturi pparkjati fuq zewg nahat bla ordni ta’ xejn vetturi ghaddejjin jew jippruvaw jghaddu fiz-zewg direzzjonijiet, disordni totali. Issir habta u tigi krejata kataklisma totali u genn u vettura minnhom titlaq u ma tigix lura. Sussegwentement isir rapport, jinstab u jallega li ntilef fit-triq. Pero’ f’dak il-mument ma ghamilx bhal sewwieqa attrici u ma marx jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Illi x-xhieda tas-socjeta attrici jallegaw li fil-mument tal-kollizzjoni huma kienu wieqfa. F’sitwazzjonijiet simili, hafna sewwieqa jippruvaw jiehdu vantagg mis-sitwazzjoni u flok joqghodu fil-lejn, jew jippruvaw jaqbzu u/jew idawru biex jibdlu id-direzzjoni. B’landrover dana kien facli ghal-konvenut. Bl-entita fizika ghal taghha bl-apparat taghha adottata ghal dawk it-toroq f’dawk ic-cirkostanzi. Mhux kontestata l-manuvra tal-vettura ossia u-turn ghalkemm saret, il-konvenut jikkontesta il-mument taghha. Pero` huwa ghamilha sabiex idur u sab lil vettura attrici wiefqa tistenna fil-linja.

Tenut kont dwar ic-cirkostanzi it-Tribunal ghandhu jaghti affidabilita’ lil versjoni attrici.

Illi relattivament ghal quantum tad-danni dana ma giex kontestat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ it-talbiet attrici, jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident, u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta Lm 500 in linea ta’ danni bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------